MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1152/1992/1

**Joseph Grima**

**v.**

**Carmelo Pace u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 1992 Brian Taylor ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mediterranean Underwriting Managers Limited u dawn bhala managers tal-Motor Omnibus Pool gie ammess jintervjeni fil-kawza in *statu et terminis;* u b'nota tal-10 ta' Dicembru 2003 Motor Insurance Pool gia` Motor Omnibus Pool assumiet l-atti tal-kawza fil-vesti ta' intervenut fil-kawza minflok Brian Taylor ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mediterranean Underwriting**

**Managers Limited u dawn bhala Managers tal-Motor Omnibus Pool**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell mill-attur minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat- 12 ta' Jannar 2007 li biha dik il-Qorti cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.

L-attur kien ipprezenta citazzjoni fid-9 ta' Ottubru 1992 fejn ippremetta:

"Illi fil-11 ta' Frar 1992 waqt li l-istanti kien isuq il-*car* BMW numru J-7898 f'Tal-Barrani fid-direzzjoni taz-Zejtun din sfat involuta f'habta mal-*bus* numru Y-0332 u garrbet hsarat;

"Illi ghall-incident kien jahti l-konvenut minabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan qed jichad htijietu;

"Illi l-import tad-danni mgarrba mill-istanti b'rizultat ta' dana l-incident kien ta' elfejn, mija u tnax-il Lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,112.87);

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li sofra l-istanti b'rizultat ta' l-istess;

"2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm2,112.87 jew somma verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

"3. Tikundannah ihallas lill-istanti l-ammont hekk dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;"

L-intervenut fil-kawza pprezenta nota ta' l-eccezzjoniiet a fol. 30 fejn eccepixxa li:-

“1. L-ewwel talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* gara unikament htija tal-istess attur; ghalhekk ghandha tkun respinta;

“2. Konsegwentement ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur; b’hekk it-tieni talba hija insostenibbli;

“3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun michuda stante li l-konvenut m’ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur;

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.”

**<u>Decizjoni ta’ l-ewwel Qorti</u>.**

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.

“L-attur jippremetti li fil-11 ta’ Frar 1992 waqt li huwa kien qed isuq il-*car* BMW numru J-7898 f’Tal-Barrani fid-direzzjoni taz-Zejtun huwa kien involut f’habta mal-*bus* numru Y-0332 misjuqa mill-konvenut u bhala konsegwenza l-vettura misjuqa minnu garrbet hsarat. L-attur jippretendi li l-konvenut jahti ghall imsemija habta. L-attur ikompli jippremetti li d-danni minnu sofferti kawza ta’ dan l-incident kienu jammontaw ghas-somma ta’ elfejn, mija u tnax-il Lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,112.87). Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha konsegwenzjali u li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenut jigi kundannat ihallas ammont hekk likwidat;

“Fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur jispecifika li huwa kien ghaddej bi *speed* xieraq ghat-triq in kwistjoni u li l-*bus* misjuqa mill-konvenut kienet ghaddejja bla dwal u kisret u b’hekk ostakolat il-passagg legittimu tieghu;

“Il-konvenut naqas li jipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu pero` bl-imsemmi digriet tal-11 ta’ Dicembru 1992 is-socjeta` Mediterranean Underwriting Managers Limited bhala managers tal-Motor Omnibus Pool giet ammessa tintervjeni fil-kawza in *statu et terminis*. L-imsemmija

intervenuti fil-kawza ghalhekk ipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet fejn eccipew li l-incident *de quo* gara unikament htija tal-istess attur. Huma eccipew ukoll li ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati;

"Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta` kjamata fil-kawza tispecifika li hi ggestixxi l-Motor Omnibus Pool u ghalhekk il-konvenut hu assigurat maghha. Specifikat ukoll li l-manuvra tal-konvenut kienet tempestiva u li l-incident sehh kawza l-velocita` eccessiva tal-attur.

"Mill-provi prodotti jirrizulta li fil-11 ta' Frar 1992 ghall-habta tad-9.00 pm sehh incident stradali gewwa Triq Tal-Barrani, Hal Tarxien. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isuq vettura tal-marka BMW bin-numru tar-registrazzjoni J7898 u li kien qed isuq fid-direzzjoni taz-Zejtun u l-konvenut li kien qed isuq karozza tal-linja bin-numru tar-registrazzjoni Y0332 ukoll fi Triq Tal-Barrani. Il-habta sehhet meta l-konvenut kien qed jaghmel manuvra li biha minn Triq tal-Barrani ried idur ghal gewwa Triq il-Palma. Hu ovvju li Triq tal-Barrani hi principali fil-konfront tal-imsemmija triq li fiha ried idur il-konvenut;

"Fil-kors ta' dawn il-proceduri gew nominati Philip Zammit bhala perit tekniku u l-Avukat Dottor Antoine Naudi bhala perit legali biex jassisti lill-imsemmi perit tekniku. L-abbli periti gudizzjarji pprezentaw r-relazzjoni taghhom dwar ir-reponsabilita` ghar-rigward tal-incident in kwistjoni. L-istess periti gudizzjarji kkonstataw li l-partijiet taw zewg verzjonijiet dijametrikament opposti u kontradittorji. L-istess periti gudizzjarji wara li ikkonsidraw r-rizultanzi kollha u dak kollu li hu rilevanti kkonkludew li meta sehhet il-habta il-konvenut kien gia` qed jiehu l-posizzjoni tieghu tant li l-istess vettura tal-konvenut kienet kwazi hadet posizzjoni orizontali fil-konfront tal-vettura ta' l-attur. Ikkonkludew ukoll li ma kien hemm xejn imoprudenti fil-mod kif saret il-manuvra min-naha tal-konvenut u li s-sewqan eccessiv da parti tal-attur kien li pprecipita u kien il-kagun prossimu u uniku tal-habta in kwistjoni. Minhabba s-sewqan eccessiv da parti tal-attur, l-istess attur sab ruhu f'sitwazzjoni tali li ma kellu kontroll komplet fuq il-vettura tieghu. L-istess periti gudizzjarji kkonkludew ukoll li tenut

kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz hija iktar verosimili l-verzjoni tal-konvenut dwar id-dinamika ta' l-incident. Kwindi l-attur kien qed isuq in eccess ta' dak konsentit u kien dan il-fattur tal-velocita` illi kien il-kagun wahdieni li kkaguna l-habta in kwistjoni. Konsegwentement it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

"Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-imsemmija relazzjoni tal-periti gudizzjarji. Hasbet fit-tul dwar dak kollu li gie konsidrat mill-istess periti gudizzjarji u dwar il-konkluzjonijiet li waslu ghalihom l-istess periti. Taqbel ma' dawn il-konkluzjonijiet u ghalhekk taddotthom u tghamilhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li dawn l-istess konkluzjonijiet jitbiddlu jew jigu varjati;

**<u>Rikors ta' l-appell ta' l-attur</u>**

L-attur hassu aggaravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti ta' l-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikorsipprezentat fil-31 ta' Jannar 2007.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu in sintesi, li l-ewwel Qorti naqset milli taghti r-ragunijiet ghad-decizjoni li waslet ghaliha u akkoljiet biss ir-relazzjoni peritali. Fir-relazzjoni tal-periti t-tort inghata unikament lill-attur minhabba *speed* eccessiv, meta t-tort kellu jkun tal-konvenut li qasam mit-triq principali minghajr *proper lookout* u dana bil-mod wisq. Anke jekk l-i*speed* ta' l-attur kien xi ftit in eccess tal-limitu regolamentari, dan ma kienx jinfluwixxi fuq id-dinamika tas-sinistru.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu li l-vettura ta' l-appellant saritilha hsara fil-*gearbox* minhabba dana l-incident u li l-perit tekniku nominat mill-ewwel Qorti ma espletax l-inkarigu lilu moghti fir-rigward ta' din il-hsara.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant qed jitlob ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**Risposta tal-konvenut Carmelo Pace[1].**

Il-konvenut appellat jikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda ta' l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.

L-appellat isostni li l-appellant kellu kull opportunita` li jara l-vettura ta' l-appellat taqsam it-triq izda minhabba l-i*speed* sperikolat u qawwi tieghu l-incident ma giex evitat. Minhabba l-i*speed* l-appellant tilef il-kontrol fuq il-vettura tieghu, u l-hsara kagjonata hija konferma ta' dan l-i*speed* qawwi u eccessiv. Dan l-i*speed* kien il-kawza principali ta' l-incident.

**Risposta ta' l-intervenut fil-kawza**

L-appellati intervenuti fil-kawza ghamlu referenza ghar-risposta ta' l-appellat Carmelo Pace kif ukoll ghan-nota ta' sottomissjonijiet li kienu pprezentaw quddiem l-ewwel Qorti. Huma jghidu li l-appellant qed jappella mhux fuq xi punt ta' dritt imma qed jikkritika ingustament l-apprezzament tal-provi li sar mill-periti gudizzjarji mahtura mill-ewwel Qorti, liema apprezzament gie accettat minn dik il-Qorti. Ghalhekk dina l-Qorti m'ghandhiex tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

Fil-mertu, l-intervenut jghid li dan mhux kaz bejn utent ta' triq principali in relazzjoni ma' utent ta' triq sekondarja imma kaz ta' vettura li qed titlaq minn triq principali ghal go triq laterali u tisfa' milquta fil-parti ta' wara minn vettura ohra li giet bi *speed* qawwi mit-triq principali.

Dwar l-istat tax-xarabank, kif ukoll l-esperjenza ta' l-appellat Pace fis-sewqan ta' vetturi, l-intervenut fil-kawza jissottometti li ma gie stabbilit ebda ness ta' kawzalita` ta' fatt kolpuz ma' l-event dannuz. Dwar l-likwidazzjoni tad-danni, dawn ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

**Fatti mertu tal-kawza**

[1] Il-konvenut ma ma kienx ipprezenta nota ta' eccezzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti.

Fil-qosor li gara f'dak il-kaz hu li l-appellant kien qed isuq il-karozza BMW numru J-7898 f'Tal-Barrani fid-direzzjoni taz-Zejtun u kien involut f'habta ma' *bus* numru Y-0332 misjuqa mill-appellat Pace li kiser mit-Triq Tal-Barrani ghal go Palm Street, Tarxien u bhala konsegwenza l-vettura misjuqa mill-appellant garrbet hsarat.

L-appellant ighid li hu kien ghaddej bi *speed* xieraq ghat-triq in kwistjoni mentri l-*bus* kienet ghaddejja bla dwal u kisret bil-mod b'hekk ostakolat il-passagg tieghu. L-appellat min-naha l-ohra jghid li l-incident sehh unikament minhabba l-velocita` eccessiva tal-vettura ta' l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti</u>**

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant isostni li l-ewwel Qorti naqset milli taghti r-ragunijiet ghad-decizjoni li waslet ghaliha u adottat biss ir-relazzjoni peritali. Mill-atti processwali jirrizulta li l-ewwel Qorti ezaminat il-provi li tressqu quddiemha u quddiem il-periti nominati minnha u wara li elenkat ir-ragunijiet li taw il-perit ghaliex huma accettaw l-verzjoni tal-konvenut bhala aktar verosimili minn dika ta' l-attur dwar id-dinamika ta' l-incident, adottat ir-relazzjoni tal-periti u ma sabitx ragunijiet ghaliex il-konkluzzjonijiet taghhom kellhom jinbidlu jew jigu varjati. L-ewwel Qorti ghamlet taghha r-ragunijiet li semmew il-periti nominati. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi michud, u jista' wkoll jinghad li hu aggravju li jirrazenta l-fieragh.

Fil-mertu l-appellant qed jissottometti li l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra ta' l-appellat Pace li ostakola il-passagg legittimu tieghu bhala utent ta' triq principali. Dana qasam il-*flow of traffic* minghajr ma esplora t-triq sewwa. Inoltre kieku stess l-appellant kien ghaddej bi *speed* xi ftit in eccess tal-limitu regolamentari, dan ma kienx il-kawza prossima tas-sinistru.

Il-periti nominati mill-ewwel Qorti waslu ghall-konkluzzjoni li l-*bus* intlaqtet fuq il-parti ta' wara taghha meta hi kienet diga` kwazi dahlet ghal kollox f'Triq Palma. Sostnew li l-konvenut kien ghamel manuvra li kienet tinvolvi qasma

tat-*traffic flow*, b'danakollu ma kien hemm xejn imprudenti fil-mod kif saret il-manuvra. Jidher li dak li pprecipita u kien il-kagun prossimu u uniku tal-habta kien, skond il-periti, is-sewqan eccessiv da parti ta' l-attur li gab lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma kellux aktar kontroll komplet fuq il-vettura tieghu.

Issa, f'dana il-kaz jirrizulta li l-manuvra li l-appellat kien qed jaghmel kienet ta' vettura li se titlaq triq principali biex tidhol go triq sekondarja. Skond l-awtur **Gibb "Trial of Motor Car Accident Cases" (**fol. 85): *"A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle.... The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care... "*

L-appellant kien ghaddej fi triq principali (Tal-Barrani Road hija *major road*) u ghaddej ghad-dritt u ghalhekk huwa kellu *r-right of way.* Hu kellu l-obbligu li jiehu l-prekawzjoni soliti (*reasonable and proper lookout*) bhala kull utent iehor tat-triq, biex jevita incidenti, li jfisser ukoll pero` li ma kellux jabbuza mill-posizzjoni tieghu ta' *main road user* u minflok isir *main road abuser.*

Min-naha l-ohra l-posizzjoni tal-konvenut Pace kienet li hu ried jaqsam *il-flow of traffic* biex jidhol go Triq il-Palma. Illi kien l-obbligu tieghu li jesplora t-triq sew qabel ma jaqbad u jaqsam il-karreggjata li minnha kien gej l-appellant.

Il-kwistjoni kollha ghalhekk f'dan il-kaz hija jekk iz-zewg sewwieqa rawx lil xulxin qabel l-incident u x'kienet il-kawza prossima ta' l-incident. Fattur importanti hu jekk iz-zewg utenti kienux qed izommu *a proper lookout.*

Hemm qbil, kif anke jammetti l-istess intervenut fil-kawza (ara fol. 228) li l-incident gara fi triq fejn hemm spazju li tippermetti viswali fit-tul u dana japplika kemm ghall-appellant kif ukoll ghall-appellat.

Skond l-appellat hu kien waqaf mas-*centre strip* u meta gie biex idur fuq il-lemin tieghu lejn Hal-Tarxien ma ra xejn gej mill-faccata u beda jaqsam ghal go Palm Street u meta wasal tlett kwarti mit-tul tax-xarabank ‘l gewwa mill-maqrud (ara skizz a fol. 50) sema’ *brake* u hass id-daqqa. Hu jghid li hares fid-direzzjoni opposta izda ma ra xejn gej minn faccata u ghalhekk iddecieda li jaqsam izda mbaghad meta kien kwazi dahal fit-triq sekondarja ntlaqat mill-vettura l-ohra.

Skond il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati, "Il-fatt li (vettura) tigi milquta meta tkun ittraversat bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti" (App.Krim. **Pul v. C. Balzan** 27.5.67). Hekk ukoll li “s-sewqan ma jsirx bl-izgiccaturi” (App.Krim **Pul v. G. Gales**: Vol 37 p 1108). Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku gej, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox (App Civ. **H. Farrugia v. R. Ripard**. 15.2.74).

Fil-kaz in ezami l-konvenut, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma hax dawn il-prekawzjonijiet kollha mehtiega. Hu ma setghax ma jarax, f’xi hin, lill-appellant gej kieku esplora t-triq sewwa. Hu kellu jara mhux biss li jista’ jibda l-manuvra li ried jaghmel biex jaqsam imma li jaccerta ruhhu li setgha jispiccaha b’success. Hu kellu viswali fit-tul, kien qed isuq xarabank li hija gholja aktar minn vettura normali u ghalhekk jekk ma rahx dak li kien *in plain view* it-tort kien tieghu u ta’ hadd aktar. Hu kellu obbligu li ma jostakolax il-*flow of traffic* ghaddej minn *main road* u kellu jaghti lil dak il-*flow of traffic* il-precedenza.

Il-konvenut appellat jirritjeni li t-tort kien ta’ l-appellant ghax kien gej bi *speed* qawwi u dina kienet il-kawza prossima ta’ l-incident. Hu jghid li *speed* jirrizulta kemm mill-hsarat kbar li garrbet il-karozza ta’ l-appellant kif ukoll mill-*brake marks* twal li halliet l-istess karozza. L-appellant jissottometti li lill-appellat kien rah qabel l-incident, izda nonostante dana baqa’ diehel fih avolja bbrejkja. Pace jirritjeni wkoll li l-appellant ma hax *evasive action*, kif jidher mill-*brakes* li huma ghad-dritt. Kien minhabba dan l-i*speed*

eccessiv li l-appellant tilef il-kontrol tal-vettura u avolja bbrejkja spicca biex habat.

L-appellant xehed li hu ra l-*bus* l-ewwel darba meta kien xi 100 jew 120 pied il-boghod minnha u din kienet wieqfa u bla dwal mas-*centre strip*. Hu jghid li meta mbaghad il-*bus* qabdet u daret f'daqqa hu zamm il-*brake*, ipprova jiehu *evasive action* izda xorta wahda habat. Ghalkemm l-appellant semma li l-*bus* kienet minghajr dawl, din l-allegazzjoni ma gietx pruvata. Is-Surgent li investiga l-kaz qal li l-*bus* kellha dwal ta' quddiem jahdmu. Imma apparti dan, jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess appellant li hu attwalment kien ra l-*bus* qabel il-habta anke jekk ma kelliex dwal.

F'materja ta' *speed*, skond il-gurisprudenza "Jekk iz-zewg *drivers* setghu jaraw lil xulxin fi zmien utili, il-fattur tas-*speed* m'ghandux x'jaqsam xejn mal-kawza determinanti tal-kollizjoni "*(vol 36 p4 p 797).* Inoltre "Il-velocita` ta' parti mhix skuza ghad-*driver* l-iehor li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan" *(Vol 29 p 557).*

Ghalhekk isegwi minn dawn il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza *"in civilibus"* li waqt li l-velocita` eccessiv ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-*driver* ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appositi, tali velocita` eccessiva fiha nnfisha ma tistax titqies *a priori* bhala fattur determinanti ghar-responsabbilita` ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita` eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut.

L-ewwelnett f'dan il-kaz din il-Qorti mhix lesta li taccetta dak li qal l-appellant li hu kien ghaddej bi *speed* ta' xi 40/45 (l-appellant ma jghidx jekk humiex mili jew kilometri) ghax kieku kien ghaddej b'dak l-i*speed* hu kien ikun jista' jieqaf tempestivament u l-incident jew ma kienx isehh jew inkella l-impatt ma kienx ikun daqstant qawwi u l-hsara daqshekk kbira. L-appellant halla *brake marks* twal xi 15 *metres*, li jindikaw *speed* ta' xi 60 kilometri fis-siegha li

ghalkemm anti-regolamentari ghal dik il-lokalita` (Tal-Barrani Road hija konsidrata bhala *inhabited area*) izda ghal din il-Qorti ma jistghax jinghad li l-appellant kien ghaddej b'xi *speed* sfrentat li minhabba fih il-Qorti ghandha takkollalu r-responsabbilita` kollha ghall-incident.

L-appellant xehed li hu kien ra lill-appellat wieqaf mas-*centre strip* u dak il-hin hu ma kellux ghalfejn jibbrejkja ghax stenna li bhala *main road user* kellu d-dritta. Kien biss meta l-appellat qasam li hu kellu jibbrejkja. Din l-manuvra ta' l-appellat ma kientx daqshekk subitanea kif irid jaghti x'jifhem l-appellant billi mill-*brake marks* li halla (xi 15 *metres*) u tghodd maghhom it-*thinking distance* qabel tibbrejkja, jirrizulta li l-appellant kien diga` ra lill-appellat minn certa distanza qabel. Izda minhabba l-i*speed* li kien ghaddej bih meta l-appellat qasam hu ma setghax iwaqqaf tempestivament. Ghalkemm fl-iskizz l-*bus* tidher li qeghda kompletament go Triq Palm, id-daqqa haditha meta kienet bil-parti ta' wara taghha fil-*main road*. L-appellat di fatti xehed li meta qala d-daqqa mexa xi zewg metri, tlieta, sakemm waqaf (fol. 193).

Ghalhekk il-Qorti wara li qieset dan kollu tasal ghall-konkluzzjoni li, kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, dan l-incident sehh principalment minhabba l-manuvra inkonsulta li ghamel l-appellat meta, minghajr ma esplora assidwament it-triq principali, qabad u qasam bla ma ha hsieb li jara li kien f'posizzjoni li jispicca il-manuvra minghajr hsara. Min-naha l-ohra l-appellant jahti wkoll billi minhabba l-i*speed* tieghu pogga lilu nnifsu f'posizzjoni li ma setax iwaqqaf tempestivament meta gie rinfaccat bil-manuvra ta' l-appellat.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-konvenut appellat ghandu jehel zewg terzi tat-tort, mentri l-appellant terz.

Kwantu ghad-danni reklamati mill-appellant, din il-Qorti tirrileva li l-periti nominati ma kienux illikwidaw id-danni mitluba billi kienu sabu li t-tort kien ta' l-appellant u l-Qorti kkonfermat dik il-konkluzzjoni. Ghalkemm gew prezentati diversi ricevuti dwar spejjez li ghamel l-appellant, mix-xhieda migbura jirrizulta li ghad hemm kontestazzjoni

dwar hsara addizzjonali (fil-*gearbox* tal-BMW) li l-appellant ighid li giet kagjonata minhabba dan l-incident, mentri l-kontroparti ssostni li ma kelliex x'taqsam ma' l-incident. Fuq it-talba ghad-danni l-espert tekniku ma kienx irrelata.

In vista ta' dan u biex il-kontendenti ma jitilfux il-beneficcju tad-*doppio esame*, din il-Qorti ser tibghat lura l-atti tal-kawza lura lill-Prim Awla biex jigu decizi it-tieni u t-tielet talbiet attrici.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u  minflok ssib lill-appellant Joseph Grima u lill-appellat Carmelo Pace it-tnejn responsabbili ghal dan l-incident kwantu ghal zewg terzi $(^{2}/_{3})$ tort ta' l-appellat Pace u terz $(^{1}/_{3})$ tort ta' l-appellant Grima bl-ispejjez ta' dana l-appell u dawk ta' l-ewwel istanza skond ir-rispettiv rebh u telf.  Tordna li l-atti jintbghatu lura lill-ewwel Qorti sabiex it-tieni u t-tielet talbiet attrici jigu determinati skond il-ligi u fid-dawl ta' dak deciz f'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------